**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Lulju 2016 – Possanzini vs Frontex**

**(Kawża F-68/15)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Persunal tal-Frontex — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt abbażi tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent li jirrigwarda s-sena 2009 — Prova tan-notifika tar-rapport — Assenza — Annullament mit-Tribunal — Eżekuzzjoni tas-sentenza — Notifika tar-rapport ta' evalwazzjoni — Tardività fl-istabbiliment u fil-komunikazzjoni tar-rapport)***

(2016/C 364/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Daniele Possanzini (Pisa, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Caniard u V. Peres de Almeida, aġenti, D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent li jirrigwarda s-sena 2009 u talba għad-danni għad-dannu morali allegatament sostnut

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.*

2) *Daniele Possanzini għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 245, 27.7.2015, p. 49.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Awwissu 2016 – Polizzi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-70/15)** ([1])

***[Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba taħt skemi oħra — Deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tal-akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat]***

(2016/C 364/72)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rosalba Polizzi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement G. Gattinara, aġent)